Minuti tal-laqgħa numru tmintax (18) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet nhar l-Erbgħa, 15 ta' Lulju 2020 fis-6.10 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Omar Farrugia | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Henry Zaffarese | Kunsillier |
| | Owen Sciberras | Kunsillier |
| | Jonathan Dingli | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

**18.01 Talba**

Is-Sindku, Omar Farrugia qal it-talba ma' dawk preżenti.

**18.02 Qari ta' Ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm.

**18.03 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa sittax u sbatax**

Il-minuti tas-seduta numru sittax u sbatax sarulhom xi korrezzjonijiet kif juru l-kopji oriġinali u ġew inizjalati mis-Sindku u d-DSE. Is-Sindku ressaqhom għall-vot u ssekondathom il-Viċi Sindku u dawn kienu approvati unanimament.

**Punti mill-Minuti**

a) Grace Marie Zerafa saħqet biex inkomplu nistaqsu lill-Awtorita' tal-Artijiet jekk bil-*fence* li waħħlu uffiċjali tal-**każin tal-futbol** itteħditx art pubblika.

b) Dwar il-**pompa tal-petrol** intqal illi minkejja li kien hemm oġġezzjoni minħabba l-qlugħ tas-siġar, qatt ma kien hemm uffiċjalment oġġezzjoni fuq il-ħruq tal-logħob tan-nar.

c) Grace Marie Zerafa qalet illi fl-**isprall tal-ilma** tax-xita ta' Triq il-Fjuri qed jitħalla ilma maħmuġ bil-ħmieġ tal-annimali ħiereġ minn residenti.

d) GMZ staqsiet jekk hemmx xi zviluppi rigward il- ***manhole*** **tad-drenaġġ** fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Din jinħtieġ li ssir aktar insistenza mal-Foreman tal-KSI.

e) Grace Marie Zerafa tkellmet fuq ix-**xtieli tal-fjuri** li se jitħawwlu f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira mid-Dipartiment tat-Tindif u qalet illi sadanittant il-Fondazzjoni għat-Turiżmu qed iġibu l-istimi. Il-Vici Sindku qalet illi nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, se ssir laqgħa flimkien mar-raprezentanti tal-FTZD sabiex jigi diskuss l-progett fi Ġnien Onġi Onġella.

**18.04 *Slow Streets* – Għeluq tal-Pjazza tal-Knisja u possibilment ta' toroq oħra ċentrali**

Is-Sindku ressaq il-proposta sabiex il-Pjazza tal-Knisja li se jkun sar l-akbar investiment fiha tibda' tiġi magħluqa għat-traffiku bejn it-7.30pm u s-2.00am ta' filgħodu, bejn il-Ġimgħa u s-Sibt, u s-Sibt u l-Ħadd u wkoll il-Ħadd filgħodu bejn il-11.30am u l-5.00pm. Hu qal illi dwar dan kellu *feedback* pożittiv ma' ħafna persuni u rridu mmorru bi pjan konkret. Infatti l-ewwel li għandu jsir hu studju mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba li se jkun rimbursat mir-Reġjun Nofsinhar. Is-Sindku qal illi fil-Pjazza qabel ma ingħalqet kien qed isir ħafna parkeġġ illegali u b'din il-miżura l-pjazza se tkun ħielsa mill-periklu. Owen Sciberras ippropona li jsir parkeġġ għar-residenti (parkeġġi b'kaxxi blu) peress li waqt id-diskussjoni ntqal illi r-residenti mhux se jsibu fejn jipparkjaw. Għal din il-proposta Grace Marie Zerafa qalet illi hija tiddikjara li hi kontra għaliex il-fiżonomija tar-raħal hija tali illi t-trasport pubbliku fil-ħin li tingħalaq il-Pjazza, se jkollu jaqbeż toroq importanti bħal Triq il-Madonna tal-Ġilju, parti minn Triq tas-Sejba, Triq Karmenu Ciantar u ovjament il-Pjazza tal-Knisja. Hi qalet illi għal min joqgħod fin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Parroċċa, se jkun hemm skumditá kbira għaliex hemm ħafna tul – liema skumditá fil-festa hi aċċettata iżda mhux matul is-sena kollha apparti problemi oħrajn li kienu rreferew għalihom diversi residenti meta kienet saret il-laqgħa ta' konsultzzjoni. Ġie deċiż li jsir ir-rapport sabiex wieħed ikun jista' jiddeċidi aħjar aktar 'l quddiem. Is-Sindku nsista li l-proposta tkun studjata minn perit espert fil-qasam sabiex wieħed jiddiskuti u janalizza bir-reqqa l-proposta u li tkun ta' konvenjent għal kulħadd. Id-deċiżjoni finali għandha tkun tal-kunsill jekk tingħalaqx jew le. Jonathan Dingli qal li għandha ssir konsultazzjoni mal-pubbliku mil-ġdid.

**18.05 Festi u Festivals tan-Nar – Permessi tal-Kabbani u l-posti tagħhom u talbiet għal attivitajiet fil-Pjazza mil-każini tal-baned.**

Il-KLM iddiskuta l-attivitajiet li se jseħħu matul ix-xhur ta' Lulju, Awissu u Settembru f'dawk li huma festivals tan-nar u festi. Is-Sindku qal illi se ssir laqgħa mill-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu dwar il-festival tan-nar li matulu se jkunu l-Pulizija li se jieħdu t-treġija tat-traffiku f'idejhom f'dawk li huma *diversions,* peress li se jkollha tingħalaq parti mill-by-pass. Is-Sindku talab illi ssir laqgħa ma' mal-President u s-Segretarju tal-każini tal-banda – kull każin separatament biex naraw x'se jsir peress li din is-sena l-festa se ssir b'mod ridott skont id-direttivi tal-kurja. Dwar il-kabbani is-Sindku qal illi nħarġu tliet permessi fl-1 ta' Lulju meta infetaħ mill-ġdid l-ajruport wara l-*lock dawn* mil-imxija tal-*Covid 19* u ħarqu l-kmamar tan-nar minn Malta - dak in-nhar irmaw is-Soċjeta' Santa Marija, l-Każin tal-PN u dak tal-PL. Peress li l-bankini fil-*by-pass* twessgħu, u issa l-karreġġjata ċkienet wara li kważi ntemm il-proġett ta' Infrastruttura Malta, s-sidien tal-kabbani mhux se jkunu jistgħu ihallu il-kabbana armata mil-Ġimgħa wara nofsinhar sat-Tnejn filgħodu (din is-sena Santa Marija ġejja s-Sibt). Is-Sindku qal illi se nkunu qed nirrevedu l-kundizzjonijiet li s-soltu jingħataw.

**18.06 LC Care - Skema tal-qtates/klieb maħruġa mid-Dipartiment Gvern Lokali**

Id-DSE għall-KLM issottometta l-applikazzjoni tal-LC Care kif indikat jagħmel minn Henry Zaffarese li attendew flimkien għal-laqgħa fil-*Plant Health Department* ġewwa Ħ'Attard u wkoll wara li laqqgħu fl-Isptar il-Qadim lill-*Cat Feeders* u nġiebu stimi mid-DSE għall-*Cat Shelters* u l-ikel tal-qtates. Din l-applikazzjoni kienet tittratta dwar it-twaqqif ta' *Cat Shelter* fi Triq Xandru Farrugia, Triq Ħal Kirkop u Pjazza Ġublew tad-Djamanti filwaqt illi sirna nafu li din is-sena m'hemmx allokati fondi għal *neutering*.

**18.07 *Management Letter 2019***

Il-KLM kien infurmat illi l-*accountant* tal-Kunsill iddeskriva l-Management Letter 2019 bħala *'short and sweet'.* Id-DSE qal illi din is-sena għat-tieni sena konsekuttiva ma ġewx fl-uffiċċju u kollox sar bil-korrispondenza. Fabian Mizzi qal illi kellem lill-*Accountant* tal-Kunsill u ma jaħsibx li se jkun hemm għalfejn isir *interim audit*, biex il-KLM ma jonfoqx flus żejda, filwaqt li qed nistennew illi l-*accountant* jagħlaq l-ewwel kwart. Grace Marie Zerafa qalet illi mportanti li jkollna f'idejna wkoll it-tieni kwart sa' Ġunju 2020.

**18.08 Talba għar-restawr tal-istatwa ta' Santa Marija mis-Soċjeta' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V**

Is-Sindku semma' t-talba formali li kienet saret qabel ma nbeda' x-xogħol tal-Pjazza tal-Knisja u qal illi meta skatta l-proċess tat-tisbieħ tal-Pjazza, l-*Permanent Secretary* kien laqqa' lill-*istakeholders* kollha u kellu proposta li kienet tinkludi r-restawr tal-istatwa, liema proposta ma ntlaqgħetx mis-Soċjeta' Santa Marija. Id-DSE ikkonferma għaliex kien preżenti f'din il-laqgħa mas-Sindku, Dr Charlene Muscat u l-Kappillan għaliex is-soċjeta' kienu rrifjutaw li tersaq l-istatwa b'kollox lura lejn iz-zuntier biex tkun tista' tgħaddi tal-linja komda. Għal mistoqsija tal-kunsillieri jekk din kienetx *barter*, intqal illi ma nistgħux naslu għal konklużjoni issa diversi snin wara u wkoll li nbidel il-*Permanent Secretary*. Henry Zaffarese qal illi nistgħu napplikaw għar-restawr tagħha mill-Miżura 1 - – *Restoration of Assets of Artistic and Cultural Value* tal-Gal Xlokk, madankollu s-Sindku ċempel lis-Sur Terrence Camilleri mil-Fondazzjoni Gal Xlokk u kkonfermali li qabel ma tingħalaq l-applikazzjoni simili li ħadna biex tiġi rrestawrata n-niċċa ta' Triq Santa Katerina, ma nistgħux napplikaw. Dwar l-iskema l-oħra lokali li joħroġ ta' kull sena d-dipartiment u li minnha se nibbenefikaw biex isir restawr tal-Kappella ta' Santa Katerina, ma nistgħux nikkunsidrawha f'dan il-mument meta m'hemmx l-applikazzjonijiet miftuħin.

**18.09 Ftuħ tal-Berġa tal-Imqabba**

B'referenza għall-e-mail illi l-kunsilliera rċevew mingħand l-iskrivana rigward il-ftuħ tal-Berġa hekk kif qaltilha l-infermiera, l-Viċi Sindku tkellmet mas-CEO fil-qasam tal-kura primarja fejn qaltilha illi r-riċetti se jibqgħu isiru mill-ispiżjar kif kien qed isir fil-Panemija tal-Covid 19 filwaqt illi mill-Berga se jibdew jingħataw servizzi purament ta' kura. Hi qalet illi hija nfurmata li l-Imqabba se tkun qed tiftaħ nhar ta' Ħamis bejn it-8.00am u n-12.30.pm, filwaqt nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa li l-pazjenti Mqabbin se jkunu jistgħu jinqdew mill-Berġa taż-Żurrieq jew inkella fil-klinika ta' Hal Kirkop b'mod normali. Il-Viċi Sindku qalet illi se jsir *refurbishment* mill-Gvern Ċentrali fil-Berġa tal-Imqabba.

**18.10 Konferma għal tisħib fil-ħruġ tal-offerta ma' Kunsilli Lokali tar-Reġjun – Servizz ta' Manutenzjoni tad-Dwal fit-Toroq**

Il-Kunsill qabel illi jissieħeb mal-Kunsilli l-oħra kollha tar-Reġjun Nofsinhar biex tinħareġ l-offerta pubblika konġunta magħhom tat-tiswijiet tad-dwal tat-toroq. Dan se jkun komunikat mal-istess Reġjun.

**18.11 Talba għal *Change Request* fil-proġett Green Infrastructure biex jinbidlu s-siġar tal-lewż maċ-ċipress u fl-estenzjoni ta' żmien.**

Il-kunsillieri kellhom kopja ta' *Change Request* biex ningħataw estenzjoni mil-Gal Xlokk fuq il-proġett tal-*Green Infrastructure* tal-*by-pass.* Madankollu kien hemm proposta oħra biex flok lewż jitħawwlu siġar taċ-ċipress fis-*Central Strip.* Is-Sindku qal illi kien f'kuntatt mas-Sur Jonathan Callus ta' *Callus Nursery* u dan se jwettaq *heavy pruning* biex ikunu jistgħu jinqalgħu faċilment. Is-Sindku qal illi t-taħwil tas-siġar se jsir meta jkun għadda s-Sajf, jiġifieri f'Settembru 2020.

**18.12 Ħlasijiet bid-*direct debit* flok cheque books**

Dwar il-ħlasijiet mil-Kunsill, jiġifieri li mhux se jsir aktar b'ċekk iżda b'*direct debit*, id-DSE informa lill-Kunsill illi għandu *e-mail* tad-Dipartiment Gvern Lokali ffirmata minn Christopher Galea illi mhux biss il-pagi u s-servizzi kuntrattwali se jkun possibbli li jsiru bit-24 x 7 iżda se jkunu estiżi għal pagamenti kollha ħalli ma neħlux charge ta' Eur1.00 fuq kull ċekk.

**18.13 Irtirar / Iffriżar ta' talbiet / Applikazzjonijiet għal speed cameras fir-raħal (ara e-mail dt 31.6.2020)**

Dwar l-*ispeed cameras* fir-raħal, id-DSE qal illi hu irċieva mistoqsija parlamentari numru 15638 fejn staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali kemm hemm applikazzjonijiet mill-kunsilli lokali għall-introduzzjoni ta' *speed cameras* fil-lokalitajiet tagħhom. Liema huma dawk il-kunsilli lokali li għamlu din it-talba

u għal kemm *speed cameras* talbu biex jiġu installati. Id-DSE qal illi fil-leġislaturi preċedenti kien hemm żewġ talbiet, waħda għal Triq tas-Sejba u oħra għal Triq il-Konvoj ta' Santa Marija wara li ttajru u saħansitra mietu n-nies fihom rispettivament.

**Punti Oħra:**

i. Is-Sindku qal illi issa wasal biex jintemm ix-**xogħol fuq il-Pjazza** għax din kwazi lesta. Hu qal illi fadal l-*istorm water culvert* fi Triq San Bazilju, il-parti fi Triq id-Duluri, u li jitniżżlu l-wires taħt l-art fit-trinek. Hu issuġġerixxa illi jinbidlu l-bankijiet u qal illi il-kuntrattur Bava għandu għal bejgħ minnhom. Għal dan il-kliem Grace Marie Zerafa issuġġeriet illi **tinfetaħ il-Pjazza għal tal-linja** filwaqt li s-Sindku qal illi fit-Triq tan-Nofs iridu jsiru t-testijiet biex naraw jekk hemmx xi difetti. Qal ukoll illi xi persuni talbu illi l-pjanti li tpoġġew fuq iz-zuntier tal-Kappella tad-Duluri għandhom jerġgħu isibu ruħhom fil-**Purċissjoni tal-Praċett** li se jsir dalwaqt. Is-Sindku tkellem fuq il-*by-pass* u qal illi se jingħata l-asfalt billi titqaxxar mill-ġibjun sal-Mentna. Żied jgħid illi ħarġu tliet ***expropriations*** waħda li tkopri l-parti magħrufa ta' Pawlu tal-Pitrolju, parti oħra quddiem il-gym u l-aħħar waħda fejn il-gym biex tiġi ***service road*** sħiħa. Saret referenza għal incident li seħħ fil-by-pass fejn qal illi hu irrapporta lill-Pulizija.

ii. Issemmiet ukoll l-attivita' ta' **Jum l-Imqabba** li se ssir f'Ottubru. Hawn intqal illi l-kunċert se jibqa' jsir u dan il-Ġieħ jingħata bħas-snin l-imgħoddija. Is-Sindku semma' wkoll sabiex nibdew nahsbu ghall-ideat ta' attivitajiet marbuta ma' Jum l-Imqabba

iii. GMZ staqsiet lis-Sindku x'kien sara mill-ittra li kellha tinbgħat minn naħa tal-LESA fuq il-**boroż tal-iskart li qed jitħallew minn ġranet qabel fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija** fejn il-ħanut Teżor il-Bidwi. Hija qalet illi jekk mhux se qed insibu l-koperazzjoni tal-Pulizija f'dak li qed nitolbu mill-Pulizija għandha nwasslu l-ilment tagħna b'mod ġenerali lill-Kummissarju.

iv. GMZ qalet illi minnufih għandu jibda x-xogħol fuq ir-***road hump*** li kienet approvata li ssir bit-tarmak. Ser naraw liema kuntrattur ser jagħmel dan ix-xogħol.

v. Jonathan Dingli qal illi l-**ittra** bil-Malti u bl-Ingliż li kienet ippreparata biex titwassal lir-residenti tar-raħal **minħabba l-problema tal-iskart** hija twila wisq u għaldaqstant issuġġerixxa li din titqassar. Dwar dan is-Sur Dingli kien mitlub jagħmel *draft* u jgħaddiha lid-DSE.

vi. Jonathan Dingli qal illi jissuġġerixxi li jitwaħħlu **twissijiet fil-by-pass biex iż-żwiemel ma jgħaddux** ħalli ma jagħmlux ħsara bin-nagħal fuq it-tarmak u fl-istess ħin ma jkunx hemm l-iskumdita' li wieħed jinqabad wara xi żiemel għaddej bit-tlikki tlikki.

vii. Owen Sciberras tkellem fuq il-***garages*** ta' fejn xulxin li għandhom quddiemhom ***single yellow line.*** Hu staqsa jekk dan hux leġittimu. Is-SE qal illi quddiem garage mhux suppost ikun hemm l-ebda' yellow line.

viii. Henry Zaffarese qal illi kellmuh xi residenti ta' Triq is-Saljatura minħabba dik l-ispeċi ta' **sleeping policeman u talbuh biex tinqala'/titbaxxa** ħalli ma tħakkilhomx il-vettura tagħhom mal-qiegħ. Hawn intqal illi din qiegħda hemm biex ma jidħolx l-ilma tax-xita minn Triq il-Qrendi għal Triq is-Saljatura u jgħarraq kull ma hemm.

ix. Henry Zaffarese tkellem dwar l-**għelieqi ta' fejn iċ-ċimiterju** u qal illi dawn qed jitilgħu minnhom ħafna ġrieden. Għaldaqstant kien rakkomandabblli biex nibgħatu lil tas-Sanita' biex jitfgħu il-valenu tal-ġrieden hemmhekk.

Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 576.

**18.14 Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jkun imiss**

Din il-laqgħa ntemmet fid-20.50pm u dik li jmiss se tinżamm fid-19 ta' Awwissu fl-istess ħin.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 19.8.2020 minn Grace Marie Zerafa
Deputat Segretarju Eżekuttiv Viċi Sindku